**187. Il-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, jipproponi:**

Dan il-Parlament filwaqt li jinnota bi pjaċir li r-relazzjonijiet bejn il-poplu Malti u l-poplu Ingliż għadhom tajba bħalma dejjem kienu u li jistgħu jitjiebu aktar issa li ntlaqgħu s-suġġerimenti magħmula biex jissaħħaħ il-qasam tal-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi;

Jiddeplora l-fatt li l-Prim Ministru Ingliż Mrs Thatcher - wara li għal snin sħaħ il-Gvern tagħha kien qed jgħid li l-kwestjoni tal-bombi u l-vapuri mgħarrqa fil-portijiet tagħna kienet biss skuża ħalli Malta taħtaf flus mingħand il-Gvern Ingliż - issa li l-espert mibgħut mill-Gvern Ingliż iddikjara li huwa perikoliżissmu li l-Gvern Malti jissogra li jiddreġġja fejn hemm bżonn qabel ma jitneħħew dawn il-fdalijiet tal-aħħar gwerra, trid biss tibqa' tikkonsidra u tikkontempla l-kwestjoni mingħajr ma taċċetta r-responsabbilità morali tal-Gvern Ingliż li mill-aktar fis inaddaf il-portijiet ta' Malta mill-fdalijiet tal-gwerra;

Iħoss li dan it-tindif tal-portijiet huwa issa meħtieġ aktar minn qabel biex ikunu jistgħu jitħaddmu l-faċilitajiet tas-silo, tad-dock u tal-bankini ġodda ħalli jinħoloq xogħol ġdid għall-ħaddiema Maltin u aktar kummerċ għal pajjiżna - xogħol u kummerċ ta' fejda kbira għall-poplu tagħna;

Juri l-għadab tiegħu għall-mod ħażin li bih qed jimxi l-Gvern Ingliż tal-Prim Ministru Mrs Thatcher mal-poplu Malti, ħabib tal-poplu Ingliż;

Għaldaqstant dan il-Parlament jaqta' li l-Ministru tal-Affarijiet Barranin (a) jieħu passi minnufih kemm fil-Ġnus Maqgħuda kif ukoll ma' għaqdiet internazzjonali oħra, ħalli jinkiseb għal pajjiżna kull appoġġ f'din il-kwestjoni u (b) ifittex il-koperazzjoni ta' pajjiżi oħra ħalli jinteħħa mill-portijiet tagħna dan il-periklu li qiegħed iżomm lura l-użu aktar tal-portijiet tagħna.

**09.10.1984**

**Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Eddie Fenech Adami, ressaq din l-Emenda "A":**

Ħassar il-kliem kollu wara l-kliem "għadhom tajba bħal ma dejjem kienu" fl-ewwel paragrafu u ħassar ukoll il-paragrafi kollha ta' wara u minflok daħħal dan li ġej:

"Billi dan il-Parlament jaqbel li l-Gvern Ingliż għandu responsabbilità morali li jnaddaf il-portijiet Maltin mill-fdalijiet tal-gwerra li qed ifixxklu l-iżvilupp;

Billi dan il-Parlament jaf li l-Gvern Ingliż wiegħed li jeżamina x'għajnuna jista' joffri fil-kontest ta' pjan speċifiku ta' żvilupp tal-portijiet meta jiġi muri li l-fdalijiet tal-gwerra jikkostitwixxu ostakolu għal dawn il-pjanijiet ta' żvilupp;

Billi dan il-Parlament jaqbel li t-tindif tal-portijiet huwa issa meħtieġ aktar minn qabel biex ikunu jistgħu jitħaddmu l-faċilitajiet tas-silo, tad-dock u tal-bankini ġodda li għandhom jgħinu l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż;

Dan il-Parlament isejjaħ lill-Gvern Ingliż biex jieħu l-miżuri neċessarji biex inaddaf il-portijiet ta' Malta mill-fdalijiet tal-gwerra.

Fl-aħħarnett il-Parlament jaqbel li ż-żewġt naħat tal-Kamra flimkien jinsistu mal-Gvern Ingliż li b'mod konkret jagħti idu mill-iktar fis għal din l-operazzjoni ta' fejda għall-poplu Malta."

**L-Emenda "A" m'għaddietx.**

**Il-mozzjoni għaddiet kif imressqa mid-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Edukazzjoni fis-Seduta 195 tas-16 ta' Ottubru 1984.**